PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10000 — PreZero International/SUEZ Nordic)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 366/13)

1. Fit-22 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— PreZero International GmbH ("PreZero"), proprjetà tal-Grupp Schwarz, it-tnejn li huma mill-Ġermanja,

— SUEZ Nordic AB ("SUEZ Nordic, 'l-Iżvezja"), proprjetà tal-Grupp SUEZ (Franza).

PreZero takkwista hi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll kollu ta' SUEZ Nordic.

Il-konċentrazzjoni qed titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— PreZero tipprovdi servizzi ta' disponiment u riċiklar tal-iskart, u hija attiva fl-Awstrija, il-Belġju, il-Ġermanja, l-Italja, in-Netherlands, il-Polonja u l-Istati Uniti filwaqt li l-Grupp Schwarz huwa wkoll attiv fil-bejgħ bl-imnut tal-prodotti tal-konsum fl-Iżvezja, permezz tal-katina tiegħu ta' ħwienet Lidl u Kaufland,

— SUEZ Nordic tinkorpora l-operat tal-immaniġġjar tal-iskart tal-Grupp SUEZ fl-Iżvezja u hija attiva fil-ġbir, it-trattament minn qabel, l-għażla, ir-riċiklar, id-disponiment tal-iskart u l-kummerċjalizzazzjoni tal-iskart u l-prodotti tal-konsum.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10000 — PreZero International/SUEZ Nordic

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-posta elettronika, bil-faks jew bil-posta. Int mitlub tuża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 1 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË